# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 34

Data tal-laqgħa: 17 ta' Mejju, 2021

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar it-Tnejn, 17 ta' Mejju 2021 fl-4.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fl-4.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**34/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**34/01/01** Ma kienx hemm.

**34/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal- Laqgħat Numru 32 u 33**

**34/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**34/02/02** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li noħorġu Sejħa għal Ambaxxatur Vot 16 peress li Sur Isaac Aquilina dalwaqt jagħlaq 18-il sena. Il-Kunsill qabel unanimament.

**34/02/03** Is-Sur Abraham Aquilina qal li peress li ż-żewġ CCTV cameras li kellhom isiru fil-Ġnien ta' Żagħruna ser jitpoġġew Triq Għaxqet l-Għajn (in-naħa ta' *Searchlight battery*) u ssuġġerixxa li nixtru camera għal Ġnien ta' Żagħruna. Is-SE qalet li ser tiġbor l-istimi.

**34/02/04** Is-Sur Abraham Aquilina rċieva proposta biex isir filmat li jinkludi intervisti lil 3 personaġġi mir-raħal. Ġie deċiż li ssir laqgħa ma' min ħareġ b'din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

**34/02/05** **Para 32/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew it-tabelli għal mal-*bollards*.

**34/02/06** **Para 32/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-ground ta' Xwieki Dr Clifton Grima qalilna li suppost wasalna.

**34/02/07** **Para 32/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt mal-Awtorità tal-Artijiet biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola.

**34/02/08** Is-Sindku qalet li ġie xi ħadd ikellimha u qalilha b'xi għelieqi abbandunati u li jistgħu jintużaw għall-parkeġġ imma għalissa dik hija l-unika informazzjoni li għandha.

**34/02/09** **Para 32/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-fondi mill-UIF għal Ġnien il-Paċi u l-Ġnien ta' Żagħruna qed noqorbu.

**34/02/10** **Para 32/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl għadha mitfija, kien hemm qbil unanimu li jekk il-Perit mhux ser idaħħal id-DNO fi żmien tlett ijiem se nqabdu Perit ieħor.

**34/02/11** **Para 32/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq l-*expression of interest* biex is-*Searchlight Battery* tiġi restawrata ma smajna xejn.

**34/02/12** **Para 32/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li li ma rċivejniex risposta fuq talba lil Lands Authority għall-amministrazzjoni tal-Ferħa Estate.

**34/02/13** **Para 32/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*pole* u l-bankina perikoluża fi Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero għadhom hemm għax fadal cable.

**34/02/14** **Para 32/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li x-xogħol fuq iz-*zebra crossings* miexi.

**34/02/15** **Para 32/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għalissa l-*bus shelter* tal-pjazza mhux se jsir.

**34/02/16** **Para 32/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li irċevejna mill-AKL fondi għal attivitajiet iffinanzjati mill-fondi tal-LESA peress li parti mit-Triq Għaxqet l-Għajn taħt is-siġar (min-naħa ta' Triq il-Ġnien) ġiet mimlija bi żrar kbir u poruż.

**34/02/17** **Para 32/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-residenti ta' Triq il-Mitħna għadhom ma ffirmawx karta li qed jaqblu biex issir *road hump* ħdejn numru 3 fi Triq il-Mitħna.

**34/02/18** **Para 32/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għadha ma rċevietx il-proposta ta' kif ser jaħdem il-*Community Garden*.

**34/02/19** **Para 32/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntrattur lesta l-*parking bays* ta' Triq Mons Luigi Catania.

**34/02/20** **Para 32/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntrattur lesta l-*parking bays* ta' Triq l-Indipendenza k/m Triq Mattia Preti.

**34/02/21** **Para 32/02/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta mill-Managing Authority biex permezz tal-fondi tal-EAFRD isir sqaq fi Triq Kromb il-Baħar minflok sqaq fi Triq tal-Balal.

**34/02/22** **Para 32/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li twaħħlet tabella 'SLOW' fi Triq l-Indipendenza.

**34/02/23** **Para 32/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li numru sostanzjali ta' nies iffirmaw il-petizzjoni *online* permezz tal-Google Forms fuq il-problema ta' nuqqas ta' parkeġġ f'Ħal Għargħur.

**34/02/24** **Para 32/02/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għadha ma ġabritx stimi biex isir *culvert* fi Triq Caravaggio sabiex il-bdiewa ta' Sqaq iċ-Ċawl jiġbru l-ilma ta' triq.

**34/02/25** **Para 32/02/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li residenti ma qablux li ssir *sleeping police* fil-kantuniera fejn ma hemmx djar fi Triq 31 ta' Marzu.

**34/02/26** **Para 32/02/34:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bħalissa qed naħdmu fuq il-fuljett 'Leħen il-Kunsill'.

**34/02/27** **Para 32/02/36:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li waqt 'Earth Hour' tfejna għal siegħa d-dawl tal-pjazza u d-dawl tal-ġonna.

**34/02/28** **Para 32/02/37:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Perit għadu ma daħħalx il-*minor amendment* fuq il-permess PA2413/09 sabiex Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard* tiġi bl-*imprint concrete grade* C25.

**34/02/29** **Para 32/02/40:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntrattur neħħa l-*crash barrier* ta' ħdejn il-knisja u poġġieha fi Triq Għaxqet l-Għajn direzzjoni lejn Triq John Adye.

**34/02/30** **Para 32/02/44:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li TM approvat li jsir *Bus Stop* ġdid fi Triq Caravaggio k/m Triq 31 ta' Marzu iżda kien hemm numru ta' residenti li oġġezzjonaw.

**34/02/31** **Para 32/02/45:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntrattur qaxxar iż-żebgħa tal-*Bus Stop* li kien hemm fi Triq San Bartilmew u fi Triq l-Oratorju.

**34/02/32** **Para 32/02/46:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skont TM l-STOP ta' Triq Mons L. Catania għandu jibqa' fejn hu.

**34/02/33** **Para 32/03/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *dog bin* fi Triq l-Isqof Gargallo sar.

**34/02/34** **Para 32/03/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Sur Charlie Mifsud qata' l-ħaxix tal-isqaqien rurali.

**34/02/35** **Para 32/03/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saru żewġ *bollards* fi Triq Katerina Sammut.

**34/02/36** **Para 32/03/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħadd mir-residenti ma qabel li jsir *bollard* fi Sqaq fi Triq Ferdinand.

**34/02/37** **Para 32/03/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Sur Charlie Mifsud ser idur dawra s-siġar ta' Vjal ir-Repubblika.

**34/02/38** **Para 32/03/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li anke jekk inneħħu d-*double yellow line* ta' Sqaq ir-Rużarju, karozza xorta ma toqgħodx.

**34/02/39** **Para 32/03/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li s-Sinjura Nathalie Micallef kompliet tpinġi l-ħitan ta' Ġnien il-Paċi.

**34/02/40** **Para 32/03/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xtrajna pompa għall-ġardinara.

**34/02/41** **Para 32/03/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntrattur għadu ma ċċaqlaqx *zebra crossing* ta' Triq 31 ta' Marzu.

**34/02/42** **Para 32/05/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat tabella '*No heavy vehicles*' għal Triq il-Qiegħed.

**34/02/43** **Para 32/05/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li tawwalna b'metru d-*double yellow line* fil-kantuniera ta' Triq l-Indipendenza.

**34/02/44** **Para 32/05/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma hemmx ħsara fil-kaptelli ta' Triq San Bartilmew.

**34/02/45** **Para 32/05/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret *site visit* fi Triq il-Ġdida, Sqaq Numru 1 rigward ilment minn resident fuq *gutter* li hemm antik u ma huwiex qed ilaħħaq mal-ilma. Dakinhar stess infurmat lil tal-Public Works.

**34/02/46** **Para 32/05/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li *refreshing* ta' *central strip* fi Triq San Bartilmew sar.

**34/02/47** **Para 32/05/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *refreshing* ta' *double yellow line* ta' quddiem it-twieqi baxxi fi Sqaq Charlotte sar.

**34/02/48** **Para 32/05/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li biex issir tipo ta' *roundabout* fi Triq San Ġwann k/m Triq Mons. Luigi Catania irid jinqata' parkeġġ minn fuq kull naħa. Ma kienx hemm qbil.

**34/02/49** **Para 32/05/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-residenta lesta li tieħu ħsieb iż-żewġ qsari ta' ħdejn *il-Bus Stop* fi Triq ix-Xwieki.

**34/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**34/03/01** Is-Sindku pproponiet li jsiru żewġ *charging pillars*, wieħed fi Triq Emmanuel Perren u wieħed fi Xwieki Housing Estate. Il-Kunsill qabel unanimament.

**34/03/02** Is-Sindku qalet li l-Kunsill għen lis-Sur Nazzareno Gauci billi ħallas id-Development Permit Fee u l-Environmrnt Fee għas-*Sanctioning of niche*, site at Triq Għaxqet l-Għajn; il-Planning Application Fee kif ukoll l-skips.

**34/03/03** Is-Sindku resqet li jitpoġġew żewġ *bollards* ħdejn ir-*roundabout* tal-morris fi Triq San Ġwann għax qed jagħlqu l-aċċess. Il-Kunsill qabel unanimament.

**34/03/04** Is-Sindku resqet li nitolbu 3 stimi għal Liedna u Fustun għall-festa ta' San Bartilmew. Il-Kunsill qabel unanimament.

**34/03/05** Is-Sindku resqet li teħel tabella '*No heavy vehicles*' fi Triq Gaspare Formica. Il-Kunsill qabel unanimament.

**34/03/06** Is-Sindku resqet li jeħel *bollard* tal-ħadid fil-bidu tas-sqaq fi Sqaq Charlotte. Din il-*bollard* ikollha katnazz u min ikollu bżonn jidħol jista' jiġi l-uffiċċju għaċ-ċavetta tal-katnazz. Il-Kunsill qabel unanimament li nibgħatu ittra lir-residenti biex naraw x'inhi l-opinjoni tagħhom.

**34/03/07** Is-Sindku resqet li jitpoġġew tabelli '*Drive Slow*' kif ukoll żewġ tabelli bil-ġranet u l-ħinijiet fi Triq Għaxqet l-Għajn (in-naħa tas-*Searchlight battery*) bħala parti mill-proġett Slow Streets.

**34/03/08** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser titlob laqgħa ma' Dr Antoine Zammit sabiex jispjega lill-Kunsilliera l-preżentazzjoni dwar Slow Streets.

**34/03/09** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rċeviet talba biex id-*double yellow line* li jinsab fil-pjazza tad-dejma jiġi *single yellow line*. Il-Kunsill qabel unanimament.

**34/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**34/04/01** Ma kienx hemm.

**34/05** **Ħatra tal-Bord tas-Selezzjoni – Vakanza għal Uffiċjal Eżekuttiv fuq bażi Full Time Skala 13 (back-to-back)**

**34/05/01** Ġie deċiż li Bord tas-Selezzjoni ikun kompost mis-Sindku, Viċi Sindku, Kunsillieri u mis-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel unanimament.

**34/06** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**34/06/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 17 ta' Marzu 2021).

**34/06/02** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Christopher Galea – Case 81/2021 Maintenance Agreement tal-PC/Laptop għar-Residenti. Ġie komunikat illi tali akkwist jista' jitqies bħala servizz komunitarju fejn il-Kunsill Lokali irid jagħti prijorità lil persuni l-aktar li huma vulnerabbli fis-soċjetà. Madankollu, l-akkwist ta' dan is-servizz irid dejjem jiġi akkwistat skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku, għaldaqstant, meta l-estimu tal-akkwist ma jeċċedix il-€5,000 eskluż il-VAT, jekk ma tkunx ser tintuża s-sistema elettronika, is-Segretarju Eżekuttiv irid jara li jintalbu tlett kwotazzjonijiet.

**34/06/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 24 ta' Marzu 2021).

**34/06/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 30 ta' Marzu 2021).

**34/06/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 7 ta' April 2021).

**34/06/06** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Ramon Deguara mill-Cleansing and Maintenance Division fejn ikkonferma li dalwaqt ser ikunu jistgħu jgħaddulna id-9 bankijiet.

**34/06/07** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Ramon Deguara mill-Cleansing and Maintenance Division fejn qalilna li għal Latrina Pubblika li jistgħu joffru huwa ħaddiema sabiex jitwettaq ix-xogħol. Fondi għal materjal irridu nagħmlu tajjeb għalihom aħna bħala Kunsill Lokali.

**34/06/08** Ġiet innutata korrispondenza Cir AKL 2021/027 Spazji fil-lokalità għall-installazzjoni ta' charging pillars.

**34/06/09** Ġiet innutata korrispondenza mir-Reġjun Tramuntana, fejn qed jibgħat din l-*expression of interest* għat-*Tender for Garden Green Waste (Recyclable)*. Il-Kunsill mhux interessat.

**34/06/10** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 14 ta' April 2021).

**34/06/11** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta (Ref:7783), fejn l-Awtorità qed tinfurmana li approvat Parkeġġ Riservat fi Triq 31 ta' Marzu.

**34/06/12** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta (Ref:7895), fejn l-Awtorità qed tinfurmana li approvat Parkeġġ Riservat fi Triq Karmnu Zarb.

**34/06/13** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta (Ref:7803), fejn l-Awtorità qed tinfurmana li approvat Parkeġġ Riservat fi Vjal ir-Repubblika għal sena.

**34/06/14** Ġiet innutata Stima mir-Road Servicing Ltd – *Quotation for pavement and resurfacing works at Triq l-Isqof Gargallo – Għargħur.* Pavement Works (€6,333.66 + VAT) u Resurfacing Works (€40,844.60 + VAT). Is-SE qalet li l-Kunsill ma jaffordjax jagħmel dawn ix-xogħlijiet.

**34/06/15** Ġiet innutata korrispondenza Cir AKL 2021/035 – Komunikat dwar tibdil fil-leġislazzjoni 65.13 dwar regolamenti dwar l-ikklampjar u t-tneħħija ta' vetturi bil-mutur u oġġetti ta' ingombru.

**34/06/16** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 21 ta' April 2021).

**34/06/17** Ġiet innutata korrispondenza mid-Dipartiment – Komunikazzjoni dwar l-Inizzjattiva tal-WIFI4EU – Aġġornament. Id-diviżjoni ser toħroġ sejħa oħra għall-offerti għal proġett kollu skont ir-rekwiżiti tal-EU u timplimenta l-proġett b'mod ħolistiku inkluż li toffri servizz b'xejn tal-WIFI lil pubbliku.

**34/06/18** Ġiet innutata korrispondenza Cir AKL 2021/037 Group Life Policy – Membri Eletti. Din il-polza tati benefiċju ta' €30,000 lill-qraba f'każ li Membru Elett jiġi nieqes meta jkun fil-kariga u kemm il-darba din il-polza tkun għadha qed titħallas. Il-kopertura hija waħda 24/7 u li tkopri l-pajjiżi kollha. Ir-rata hija ta' €65 għal kull membru. Il-Kunsill qabel unanimament.

**34/06/19** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 28 ta' April 2021).

**34/06/20** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Fabian Galea – Sejħiet għall-Proġetti taħt il-Programm il-ġdid tal-Unjoni Ewropea CERV – European Remembrance / Town Twinning / Network of Towns.

**34/06/21** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 5 ta' Mejju 2021).

**34/06/22** Ġiet innutata korrispondenza minn xi residenti ta' Sqaq Nru 1, Triq San Ġwann, fejn qed jissuġġerixxu li meta x-xogħlijiet jintemmu l-art tal-isqaq tiġi bil-*cobblestone*. Il-Kunsill ser jikkunsidra din it-talba wara li jitlestew ix-xogħlijiet.

**34/06/23** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta (Ref: 8149), fejn l-Awtorità qed tinfurmana li rċeviet applikazzjoni għal Parkeġġ Riservat fi Triq Vendome.

**34/06/24** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta: *Re: Construction of Footpath near Cemetry in Triq San Ġwann, Għargħur.* Transport Malta approvat li ssir bankina ħdejn iċ-Ċimiterju.

**34/06/25** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 12 ta' Mejju 2021).

**34/06/26** Fuq it-talba ta' resident għal żewġ tabelli tal-qanfud fi Xwieki Housing Estate. Il-Kunsill qabel unanimament.

**34/06/27** Fuq it-talba ta' residenta għal tappiera tal-ħadid fuq il-bankina fi Triq S. Zerafa ħdejn il-ground tal-football. Il-Kunsill qabel unanimament.

**34/06/28** Fuq it-talba ta' residenta għal motor cycle bay fi Triq San Ġwann quddiem Horizon Court. Ġie deċiż li ssir *site visit*.

**34/06/29** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li l-ġardinar Joe Chetcuti jibda jagħmel numru tas-sigħat mal-Kunsill dan sabiex meta hu jispiċċa minn mal-ELC il-ġonna ma jmorrux lura. Ġie deċiż li ssir laqgħa ma' Joe Chetcuti.

**34/06/30** Is-Sa. Marilena Hassan resqet li titpoġġa tabella 'STOP' fi Triq in-Naxxar qabel ir-*roundabout* ta' Triq Caravaggio. Il-Kunsill qabel unanimament.

**34/06/31** Is-Sa. Marilena Hassan resqet li nirranġaw ic-*central strip* ta' ħdejn ir-*roundabout* ta' Triq Caravaggio. Is-SE qalet li ser tiġbor l-istimi.

**34/06/32** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li l-Ġnien tal-Ponta jkun imsemmi 'Ġnien Guido Tanti' u nagħmlu *information panel* dwaru. Il-Kunsill qabel unanimament.

**34/06/33** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li nixtru ftit siġar/qsari għal Ġnien ta' Żagħruna u Ġnien il-Paċi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**34/06/34** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li ssir bozza bit-*timer* fuq barra tal-latrina pubblika. Il-Kunsill qabel unanimament.

**34/06/35** Is-Sindku qalet li s'issa ma jistgħux isiru attivitajiet tal-massa bħal Jum il-Għargħur, imma nistgħu nagħmlu dawl fil-pjazza kif ukoll logħob tan-nar. Is-Sur Christopher Fenech qal li għad-dawl tal-pjazza nistgħu nqabbdu kemm mal-Każin tal-Banda jew mal-kamra fi Ġnien il-Paċi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**34/07** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**34/07/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**34/08** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**34/08/01** Il-laqgħa spiċċat fis-6:15p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 16 ta' Ġunju 2021 fl-4:30pm.

| | |
|---|---|
| *(firmati)* | *(firmati)* |
| **Helene Gauci**<br>**Sindku** | **Maria Tanti**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |